

# Il-Kwadru ta' Marija Assunta fil-Knisja l-Qadima t'Għajnsielem

**Mario Fenech**



Fil-Knisja Parrokkjali l-qadima tar-raħal t'Għajnsielem hemm numru ta' kwadri sbieħ li ħarġu minn idejn l-artist magħruf Malti Ġużeppi Calì.

F'żewġ kwadri minnhom Calì pinġa lil San Pawl u lil Sant'Andrija, t-tnejn fis-sena 1890 filwaqt li l-erbgħa kwadri l-oħrajn li għamilhom f'perjodu ta' sentejn. Bejn is-sena 1913 u l-1914 huwa pinġa l-kwadri tat-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lill-Madonna, l-Madonna tar-Rużarju, it-Twelid tal-Madonna, l-Immakulata Kunċizzjoni u t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna.

Jidher mill-fatt li għal dawn il-kwadri kienu ħarġu l-flus meħtieġa diversi benefatturi li l-poplu tar-raħal t'Għajsnielem kien ħerqan li jkollu l-firma ta' Ġużeppi Calì fuq dawn ix-xeni sbieħ mill-ħajja tal-Madonna.

Meta pinġa l-kwadru tal-Assunta l-artist wera l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu meta kien jiġi biex ipinġi bil-pniezel tiegħu dan l-episodju importanti mill-ħajja tal-Madonna.

Eżempju ta' dan narawh fil-kwadru titulari tal-Assunta li għandu fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi. F'dawn iż-żewġ kwadri l-figura tal-Madonna hija kważi l-istess.



Fil-kwadru tal-Knisja t'Għajnsielem l-attenzjoni tal-għajn tmur fuq ix-xbieha tal-Madonna tiela lejn is-sema. Dan għaliex mhemm xejn aktar fit-tila għajr numru t'anġli żgħar impinġija b'kuluri ċari qegħdin ixerrdu ward sabiħ madwar ix-xbieha tal-Madonna li fil-kwadru tidher fil-glorja kollha tagħha b'ħarsitha mgħollija 'l fuq lejn is-sema.

Dawn l-erba' kwadri kienu ġew ikkummissjunati lill-artist Ġużeppi Calì mill-Kappillan Dun Franġisk Mizzi li kien is-seba kappillan ta' din il-parroċċa. Huwa kien dam imexxi l-parroċċa 39 sena bejn l-1909 u l-1948.

Matul il-parrokat tiegħu dan il-kappillan ħadem ħafna biex il-knisja tkun tista tintrama f'kull okkażjoni bl-isbaħ opri sagri.

Bla dubju ta' xejn fost dawn ix-xogħlijiet dan il-kwadru tal-Assunta huwa ġawhra mill-isbaħ ta' dan l-artist kbir.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.